ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 113

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

25 ta' April 2012

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 354/2012 tat-23 ta' April 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja** ..... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 355/2012 tal-24 ta' April 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 690/2008 li jirrikonoxxi żoni protetti esposti għal riskji partikolari għas-saħħa tal-pjanti fil-Komunità** ..... 2

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 356/2012 tal-24 ta' April 2012 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2011 fir-rigward tal-perjodi li matulhom jistgħu jiġu sottomessi offerti għat-tieni sejħa għall-offerti għas-sena tas-suq 2011/2012 għal importazzjonijiet ta' zokkor b'dazju doganali mnaqqas u għal sejħiet parzjali sussegwenti** ..... 4

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 357/2012 tal-24 ta' April 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 29/2012 dwar l-istandards ta' marketing għaż-żejt taż-żebbuġa** 5

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 358/2012 tal-24 ta' April 2012 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 6

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 3**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2012/211/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/734/UE indirizzata lill-Greċja bil-ħsieb li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tinnotifika lill-Greċja sabiex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit li huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv** ........ 8

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/212/PESK tat-23 ta' April 2012 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja** ........ 11

2012/213/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' April 2012 dwar deroga temporanja mir-regoli tal-oriġini stipulati fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 biex titqies is-sitwazzjoni speċjali tas-Sważiland fir-rigward tal-ħawħ, lanġas u ananas** *(notifikata bid-dokument numru C(2012) 2511)* ........ 12

MT

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 354/2012

## tat-23 ta' April 2012

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/212/PESK ta' 23 April 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 ([2]) jipprevedi l-iffriżar tal-assi tal-President Lukashenko u ta' ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja, kif ukoll ta' persuni responsabbli għall-vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem jew ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, u ta' persuni u entitajiet li jibbenefikaw minn jew li jappoġġjaw lir-reġim ta' Lukashenko.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni 2012/212/PESK, il-Kunsill iddeċieda li għandha tingħata deroga mill-iffriżar tal-assi, sabiex tiżgura li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu jistgħu jsiru disponibbli għall-finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi jew postijiet konsulari jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali.

(3) Din il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u għalhekk hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex tidħol fis-seħħ, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(4) Ir-Regolment (KE) Nru 765/2006 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fir-Regolament (KE) Nru 765/2006, jiżdied l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 4b*

B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikat fuq is-siti elettroniċi elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, skont dawk il-kundizzjonijiet li jikkunsidraw xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għall-finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi jew postijiet konsulari jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fil-Lussemburgu, it-23 ta' April 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---

([1]) Ara paġna 11 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

([2]) ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 355/2012

## tal-24 ta' April 2012

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 690/2008 li jirrikonoxxi żoni protetti esposti għal riskji partikolari għas-saħħa tal-pjanti fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1)(h) tagħha,

Billi:

(1) Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 [2] ċerti Stati Membri jew ċerti żoni fi Stati Membri ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward ta' ċerti organiżmi ta' ħsara. F'ċerti każijiet ingħata rikonoxximent għal perjodu ta' żmien limitat biex jippermetti lill-Istat Membru kkonċernat jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex juri li l-organiżmi ta' ħsara inkwistjoni ma kinux jeżistu fl-Istat Membru jew fiż-żona kkonċernata jew biex itemm l-isforzi biex jeqred l-organiżmu inkwistjoni.

(2) It-territorju kollu ta' Spanja, ħlief għall-komunità awtonoma ta' Castilla y León, ġie rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward ta' *Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.*. Spanja ressqet l-informazzjoni li tindika li l-komunità awtonoma ta' Extremadura m'għandhiex tibqa' rikonoxxuta bħala żona protetta għal dan l-organiżmu. Għaldaqstant, il-komunità awtonoma ta' Extremadura m'għandhiex tibqa' żona protetta fir-rigward ta' dak l-organiżmu ta' ħsara.

(3) L-Irlanda u l-Litwanja, u ċerti reġjuni u partijiet ta' reġjuni fl-Italja, is-Slovakkja u s-Slovenja ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward ta' *Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.* sal-31 ta' Marzu 2012.

(4) Mill-informazzjoni li taw l-Irlanda, il-Litwanja, l-Italja u s-Slovenja dwar ir-riżultati ta' stħarriġiet li saru fl-2010 u fl-2011, jidher li dawk iż-żoni protetti għandhom jiġu rikonoxxuti għal sentejn oħra biex dawk l-Istati Membri jingħataw iż-żmien meħtieġ biex iressqu l-informazzjoni li turi li *Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.* mhix preżenti jew, fejn meħtieġ, biex jikkonkludu l-isforzi tagħhom ħalli jinqered dak l-organiżmu.

(5) Mill-informazzjoni li tat is-Slovakkja dwar ir-riżultati ta' stħarriġiet li saru fl-2010 u fl-2011, jidher li *Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.* bħalissa hija stabbilita fid-distrett ta' Dvory nad Žitavou (fil-kontea ta' Nové Zámky), li huwa parti miż-żona protetta. Għalhekk dak id-distrett m'għandux jibqa' jiġi rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward ta' dak l-organiżmu ta' ħsara. Skont ir-riżultati ta' dawk l-istħarriġiet, huwa xieraq li l-partijiet l-oħra tas-Slovakkja li qabel ġew rikonoxxuti bħala żoni protetti fir-rigward ta' dak l-organiżmu ta' ħsara, jibqgħu jkunu rikonoxxuti għal sentejn oħra sabiex is-Slovakkja tingħata ż-żmien meħtieġ biex tressaq l-informazzjoni li turi li *Erwinia amylovora* (Burr.) Winsl. *et al.* mhix preżenti jew, fejn meħtieġ, biex jikkonkludu l-isforzi tagħhom ħalli jinqered dak l-organiżmu.

(6) It-territorju kollu tal-Portugall, ħlief għal Madeira, ġie rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward tal-vajrus tas-Citrus tristeza (varjanti Ewropej). Il-Portugall ressaq l-informazzjoni li turi li l-vajrus tas-Citrus tristeza (varjanti Ewropej) infirex b'mod sinifikanti fir-reġjun ta' Algarve fejn il-qerda tiegħu ma tistax tinkiseb iżjed, u talab it-tneħħija tal-istatus ta' żona protetta għal din il-parti tat-territorju tiegħu. Għalhekk, ir-reġjun ta' Algarve m'għandux jibqa' jiġi rikonoxxut bħala żona protetta fir-rigward ta' dak l-organiżmu ta' ħsara.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 690/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(8) Ir-rikonoxximent attwali ta' wħud minn dawn iż-żoni protetti jiskadi fil-31 ta' Marzu 2012. Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' April 2012 sabiex jippermetti rikonoxximent mhux interrott taż-żoni protetti kollha.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 690/2008 huwa emendat kif ġej:

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.
[2] ĠU L 193, 22.7.2008, p. 1.

(1) Il-Punt 2 tal-intestatura (b) huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-tieni kolonna tal-ewwel inċiż, il-kelmiet "Spanja (ħlief il-komunità awtonoma ta' Castilla y León)" jinbidlu bi "Spanja (ħlief il-komunitajiet awtonomi ta' Castilla y León u Extremadura)".

(b) It-tieni kolonna tat-tieni inċiż tinbidel b'dan li ġej:

"— u, sal-31 ta' Marzu 2014, l-Irlanda, l-Italja (l-Apúlia, l-Emilia-Romagna (il-provinċji ta' Parma u Piacenza), il-Lombardija (ħlief il-provinċja ta' Mantua), il-Veneto (ħlief il-provinċji ta' Rovigo u Venezja, id-distretti ta' Castelbaldo, Barbona, Piacenza d'Adige, Vescovana, S. Urbano, Boara Pisani u Masi fil-provinċja ta' Padova u ż-żona li qiegħda fuq in-naħa t'isfel tal-awtostrada A4 fil-provinċja ta' Verona)), il-Litwanja, is-Slovenja (ħlief ir-reġjuni ta' Gorenjska, Koroška, Maribor u Notranjska), is-Slovakkja (ħlief id-distretti ta' Blahová, Horné Mýto u Okoč (il-kontea ta' Dunajská Streda), Hronovce u Hronské Kľačany (il-kontea ta' Levice), Dvory nad Žitavou (il-kontea ta' Nové Zámky), Málinec (il-kontea ta' Poltár), Hrhov (il-kontea ta' Rožňava), Veľké Ripňany (il-kontea ta' Topoľčany), Kazimír, Luhyňa, Malý Horeš, Svätuše u Zatín (il-kontea ta' Trebišov))".

(2) Fit-tieni kolonna tal-Punt 3 tal-intestatura (d), il-kelmiet "il-Portugall (ħlief Madeira)" jinbidlu bi "il-Portugall (ħlief Algarve u Madeira)".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' April 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 356/2012

## tal-24 ta’ April 2012

## li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2011 fir-rigward tal-perjodi li matulhom jistgħu jiġu sottomessi offerti għat-tieni sejħa għall-offerti għas-sena tas-suq 2011/2012 għal importazzjonijiet ta’ zokkor b’dazju doganali mnaqqas u għal sejħiet parzjali sussegwenti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u partikolarment l-Artikolu 187, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1239/2011 [2] fetaħ sejħa permanenti għat-tressiq ta’ offerti għall-importazzjonijiet taz-zokkor bil-kodiċi tan-NM bin-numru 1701 b’dazju doganali mnaqqas għas-sena tas-suq 2011/2012.

(2) Peress li d-disponibbiltà tal-provvista fis-suq taz-zokkor tal-Unjoni tjiebet, ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 57/2012 [3] issospenda s-sottomissjoni tal-offerti għas-sejħiet tal-offerti parzjali li ntemmet fil-25 ta’ Jannar 2012, fl-1 ta’ Frar 2012 u fil-15 ta’ Frar 2012.

(3) Monitoraġġ kostanti tas-suq żvela li d-disponibbiltà tal-provvista taz-zokkor fl-Unjoni tjiebet biss moderatament. Minkejja ż-żieda tal-importazzjonijiet f’Jannar 2012, sa nofs Frar 2012 ir-rata tal-importazzjonijiet mill-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku kif ukoll mill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati kienet naqset konsiderevolment. Din l-analiżi ġiet ikkonfermata mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fil-Kumitat ta’ Ġestjoni tat-8 ta’ Marzu 2012 li qiesu li kien għad hemm problemi fil-provvista li se jmorru għall-agħar matul is-sena tas-suq. Dan jista’ jaffettwa b’mod speċjali lill-Intrapriżi żgħar u medji u lill-konsumaturi b’kwantitajiet fissi b’kuntratti fit-tul.

(4) Għalhekk huwa xieraq li l-perjodi tas-sottomissjoni tal-offerti u d-dati tal-għeluq tagħhom jitressqu ’l quddiem, liema dati r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2011 kien skeda għas-6 ta’ Ġunju 2012, is-27 ta’ Ġunju 2012 u l-11 ta’ Lulju 2012.

(5) Ir-Regolament (UE) Nru 1239/2011 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(6) Sabiex jingħata sinjal malajr lis-suq u biex tiġi żgurata ġestjoni effiċjenti tal-miżura, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(7) Il-miżuri pprovduti f’dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta’ Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (KE) Nru 1239/2011, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b’dan li ġej:

"2. Il-perjodi li fihom jistgħu jiġu sottomessi l-offerti għat-tieni sejħa parzjali għall-offerti u għas-sejħiet parzjali sussegwenti għall-offerti għandhom jibdew fl-ewwel jum tax-xogħol wara li jintemm il-perjodu preċedenti. Għandhom jintemmu f’nofsinhar, ħin ta’ Brussell, fit-2 ta’ Mejju 2012, fit-23 ta’ Mejju 2012 u fis-6 ta’ Ġunju 2012."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta’ April 2012.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 318, 1.12.2011, p. 4.
[3] ĠU L 19, 24.1.2012, p. 12.

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 357/2012

## tal-24 ta’ April 2012

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 29/2012 dwar l-istandards ta’ marketing għaż-żejt taż-żebbuġa

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 113(1)(a) u l-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 121, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012 tat-13 ta’ Jannar 2012 dwar l-istandards ta’ marketing għaż-żejt taż-żebbuġa ([2]), li huwa kodifikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1019/2002 ([3]), ir-referenzi għall-Komunità li jidhru fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1019/2002 għad-denominazzjonijiet tal-oriġini ġew sostitwiti b’referenzi għall-Unjoni. L-Artikolu 12(2) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 29/2012 jipprevedi perjodu tranżitorju sabiex il-prodotti mmanifatturati legalment u tikkettati fl-Unjoni jew importati legalment fl-Unjoni u li jkunu tqiegħdu f’ċirkolazzjoni ħielsa [libera] qabel l-1 ta’ Lulju 2012 jistgħu jitqiegħdu fis-suq sakemm il-ħażniet jintużaw kollha. Minn naħa, dan il-perjodu tranżitorju jitqies qasir wisq, u min-naħa l-oħra, it-terminu “legalment” użat f’din id-dispożizzjoni jwassal għal konfużjoni fir-rigward tat-tranżizzjoni bejn ir-Regolament (KE) Nru 1019/2002 u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 29/2012.

(2) Sabiex ikun permess l-użu tat-tikketti li jagħmlu referenza għat-terminu “Komunità” matul perjodu ta’ żmien itwal, huwa xieraq li jkun stipulat li l-prodotti li huma mmanifatturati u ttikkettjati fl-Unjoni jew importati fl-Unjoni u li jkunu tqiegħdu f’ċirkolazzjoni ħielsa [libera] skont ir-Regolament (KE) Nru 1019/2002 qabel l-1 ta’ Jannar 2013 jistgħu jibqgħu jiġu kkummerċjalizzati sakemm jispiċċaw il-ħażniet kollha.

(3) B’konsegwenza ta’ dan, ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 29/2012 għandu jiġi emendat.

(4) Il-miżuri stipulati f’dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta’ Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 12 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (KE) Nru 29/2012 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Il-prodotti li ġew manifatturati u ttikkettjati legalment fl-Unjoni, jew importati legalment fl-Unjoni u mqiegħda f’ċirkolazzjoni ħielsa [libera] skont ir-Regolament (KE) Nru 1019/2002 qabel l-1 ta’ Jannar 2013, jistgħu jibqgħu jiġu kkummerċjalizzati sakemm jispiċċaw il-ħażniet kollha.”

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba’ jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta’ April 2012.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 12, 14.1.2012, p. 14.
([3]) ĠU L 155, 14.6.2002, p. 27.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 358/2012

## tal-24 ta' April 2012

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | JO | 98,8 |
| | MA | 57,2 |
| | TN | 124,7 |
| | TR | 110,1 |
| | ZZ | 97,7 |
| 0707 00 05 | JO | 216,8 |
| | TR | 135,8 |
| | ZZ | 176,3 |
| 0709 93 10 | TR | 109,5 |
| | ZZ | 109,5 |
| 0805 10 20 | EG | 51,8 |
| | IL | 73,4 |
| | MA | 52,3 |
| | TR | 50,5 |
| | ZZ | 57,0 |
| 0805 50 10 | TR | 57,1 |
| | ZZ | 57,1 |
| 0808 10 80 | AR | 94,2 |
| | BR | 79,9 |
| | CA | 117,0 |
| | CL | 93,0 |
| | CN | 102,0 |
| | MK | 31,8 |
| | NZ | 124,2 |
| | US | 156,8 |
| | ZA | 85,8 |
| | ZZ | 98,3 |
| 0808 30 90 | AR | 101,9 |
| | CL | 129,5 |
| | CN | 65,6 |
| | US | 107,0 |
| | ZA | 126,0 |
| | ZZ | 106,0 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-13 ta' Marzu 2012**

**li temenda d-Deċiżjoni 2011/734/UE indirizzata lill-Greċja bil-ħsieb li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tinnotifika lill-Greċja sabiex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-deficit li huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' deficit eċċessiv**

(2012/211/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 126(9) u l-Artikolu 136 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 136(1)(a) tat-TFUE jipprevedi l-possibbiltà li jiġu adottati miżuri speċifiċi għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro bil-ħsieb li jsaħħu l-koordinazzjoni u s-sorveljanza tad-dixxiplina baġitarja tagħhom.

(2) L-Artikolu 126 tat-TFUE jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jevitaw deficits tal-gvern eċċessivi u għal dan il-għan jistabbilixxi l-proċedura dwar deficit eċċessiv. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li fil-parti korrettiva tiegħu jimplimenta l-proċedura ta' deficit eċċessiv, jipprovdi l-qafas li jsostni l-politiki tal-gvern biex jerġgħu lura minnufih għal pożizzjonijiet baġitarji sodi filwaqt li jqisu l-qagħda ekonomika.

(3) Fis-27 ta' April 2009, il-Kunsill iddeċieda, skont l-Artikolu 104(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (it-TKE), li fil-Greċja kien hemm deficit eċċessiv.

(4) Fl-10 ta' Mejju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/320/UE [1] indirizzata lill-Greċja skont l-Artikolu 126(9) u l-Artikolu 136 tat-TFUE bl-għan li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-deficit liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' deficit eċċessiv mhux aktar tard mill-2014. Il-Kunsill stabbilixxa l-2014 bħala l-iskadenza għall-korrezzjoni tas-sitwazzjoni ta' deficit eċċessiv, u miri annwali għad-deficit tal-gvern.

(5) Id-Deċiżjoni 2010/320/UE ġiet emendata sostanzjalment diversi drabi. Minħabba li kien meħtieġ li jsiru aktar emendi, fl-interessi taċ-ċarezza ġiet irriformulata, fit-12 ta' Lulju 2011, mid-Deċiżjoni 2011/734/UE [2].

(6) L-attività ekonomika fl-2011-2014 attwalment hija stmata u pprojettata li se tkun ħafna iktar dgħajfa minn dak li kien mistenni meta ġew adottati d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2010/320/UE u 2011/734/UE. L-attività ekonomika hija stmata li fl-2011 naqset b'6,9 %. Attwalment, il-Kummissjoni tipprevedi li l-PDG reali Grieg se jonqos b'4,7 % fl-2012, u se jistaġna fl-2013, qabel ma jerġa' jibda jikber b'2,5 % fl-2014. F'termini nominali, il-PDG naqas b'5,2 % fl-2011, u huwa mistenni li jonqos b'5,4 % u 0,4 % fl-2012 u l-2013, rispettivament, qabel ma jespandi b'2,5 % fl-2014.

(7) Fi Frar 2012, il-gvern Grieg ħabbar miżuri li kellhom l-għan li jnaqqsu d-deficit primarju fl-2012, inkluża l-adozzjoni ta' baġit supplementari. Saru diskussjonijiet estensivi dwar dawn il-miżuri bejn l-awtoritajiet Griegi u s-servizzi tal-Kummissjoni. Dawn id-diskussjonijiet ma qisux biss il-miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali, iżda wkoll il-ħtieġa li tissaħħaħ il-karatterisitika favur it-tkabbir ta' dawn il-miżuri u li jiġi mminimizzat kwalunkwe impatt soċjali.

(8) F'Marzu 2012, il-Greċja niedet u wettqet operazzjoni ta' skambju ta' dejn li tnaqqas sostanzjalment il-livell tad-dejn u l-infiq fuq l-imgħax fl-2012 u fis-snin ta' wara, u tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tad-dejn tal-gvern.

(9) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, jidher xieraq li d-Deċiżjoni 2011/734/UE tiġi emendata f'għadd ta' aspetti, inkluż il-perkors għall-aġġustament fiskali, filwaqt li l-iskadenza għall-korrezzjoni tad-deficit eċċessiv titħalla kif inhi,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2011/734/UE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafi (2) u (3) għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"2. Il-perkors ta' aġġustament li jwassal għall-korrezzjoni tad-deficit eċċessiv għandu jkollu l-għan li jikseb deficit primarju tal-amministrazzjoni pubblika (id-deficit li jeskludi n-nefqa fuq l-imgħax) li ma jaqbiżx EUR 2 037 miljun

[1] ĠU L 145, 11.6.2010, p. 6.
[2] ĠU L 296, 15.11.2011, p. 38.

(1,0 % tal-PDG) fl-2012, u surpluses primarji ta' mill-anqas EUR 3 652 miljun (1,8 % tal-PDG) fl-2013 u EUR 9 352 miljun (4,5 % tal-PDG) fl-2014. B'segwitu għall-iskambju ta' dejn, dawn il-miri għad-defiċit/surplus primarju huma konsistenti ma' defiċit kumplessiv ta' EUR 14 811 miljun (7,3 % tal-PDG) fl-2012, EUR 9 462 miljun (4,7 % tal-PDG) fl-2013 u EUR 4 499 miljun (2,2 % tal-PDG) fl-2014. Għal dan il-għan, tul il-perjodu 2009-2014, ikun inkiseb titjib fil-bilanċ strutturali ta' mill-inqas 10 % tal-PDG. Ir-rikavat mill-privatizzazzjoni tal-assi (assi finanzjarji u mhux finanzjarji), kif ukoll it-trasferimenti kollha relatati mad-deċiżjoni tal-Eurogroup tal-21 ta' Frar 2012 fir-rigward ta' introjtu tal-banek ċentrali nazzjonal taż-żona tal-euro, inkluż il-Bank tal-Greċja, li jirriżultaw mill-parteċipazzjonijiet tagħhom fil-portafolli ta' investiment ta' bonds tal-gvern Grieg ma għandhomx inaqqsu l-isforz tal-konsolidazzjoni fiskali meħtieġ u ma għandhomx jitqiesu fil-valutazzjoni ta' dawn il-miri.

3. Il-perkors ta' aġġustament imsemmi fil-paragrafu 2 huwa konsistenti ma' bidla annwali fid-dejn ikkonsolidat tal-amministrazzjoni pubblika ta' EUR -26 954 miljun fl-2012, ta' EUR 6 775 miljun fl-2013 u ta' EUR 1 492 miljun fl-2014.".

(2) Fl-Artikolu 2, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"7a. Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin mingħajr dewmien:

(a) tnaqqis fin-nefqa farmaċewtika tal-anqas b'EUR 1 076 miljun, fl-2012;

(b) tnaqqis fi ħlas għas-sahra lit-tobba fl-isptarijiet tal-anqas b'EUR 50 miljun fl-2012;

(c) tnaqqis fl-akkwist ta' materjal militari b'EUR 300 miljun (ħlasijiet u konsenji) fl-2012);

(d) tnaqqis b'10 % fir-rimunerazzjoni ta' persunal elett u relatat fil-livell lokali fl-2012 u tnaqqis fl-għadd ta' viċi sindki u persunal assoċjat fl-2013 bil-għan li jiġu ffrankati tal-anqas EUR 9 miljun fl-2012 u EUR 28 miljun addizzjonali fl-2013;

(e) tnaqqis fin-nefqa operazzjonali tal-gvern ċentrali, u nfiq relatat mal-elezzjonijiet, tal-anqas b'EUR 370 miljun (meta mqabbel mal-baġit tal-2012), li minnhom tal-anqas EUR 100 miljun f'nefqa operazzjonali b'rabta militari, u tal-anqas EUR 70 miljun f'infiq elettorali;

(f) tnaqqis fin-nefqa operazzjonali mill-gvern lokali bil-għan li jiġu ffrankati tal-anqas EUR 50 miljun fl-2012;

(g) tnaqqis f'sussidji lil residenti f'żoni remoti, u tnaqqis f'għotjiet lil diversi entitajiet taħt is-superviżjoni tal-ministeri, bl-għan li fl-2012 in-nefqa titnaqqas tal-anqas b'EUR 190 miljun;

(h) tnaqqis fil-baġit tal-investiment pubbliku (PIB) b'EUR 400 miljun fl-2012. Dan it-tnaqqis fil-baġit tal-PIB mhuwa se jkollu l-ebda impatt fuq proġetti li huma kkofinanzjati mill-fondi strutturali (inklużi l-proġetti TEN-T);

(i) bidliet f'fondi ta' pensjonijiet supplementari u f'fondi ta' pensjonijiet b'pensjonijiet medji elevati jew li jirċievu sussidji għoljin mill-baġit, u tnaqqis f'pensjonijiet għoljin oħra, bl-għan li jiġu ffrankati tal-anqas EUR 450 miljun fl-2012 (netti wara li jitqies l-impatt fuq it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali);

(j) tnaqqis fil-benefiċċji lill-familji għal dawk l-unitajiet domestiċi li għandhom introjtu għoli, bl-għan li jiġu ffrankati EUR 43 miljun fl-2012;

(k) deċiżjonijiet ministerjali biex tiġi kkompletata l-implimentazzjoni sħiħa tal-istruttura l-ġdida tal-pagi fl-entitajiet pertinenti kollha, u l-leġiżlazzjoni dwar il-modalitajiet għall-irkupru tal-pagi mħallsa żejda minn Novembru 2011.

(l) l-emenda tal-Artikolu 3 u 21 tal-Liġi 4038/2012 sabiex jiġu riveduti l-kundizzjonijiet biex jiġu estiżi l-pjanijiet tal-ħlasijiet akkont ta' taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali dovuti: il-pjanijiet tal-ħlasijiet akkont se japplikaw biss għall-ammonti eżistenti dovuti taħt EUR 10 000 għall-individwi u EUR 75 000 għall-korporazzjonijiet. Il-kontribwenti li japplikaw għal pjan estiż ta' ħlasijiet akkont għandhom jiżvelaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kollha tagħhom lill-awtoritajiet tat-taxxi.

(m) liġi ta' qafas, b'reviżjoni profonda tal-funzjonament tal-fondi tal-pensjonijiet pubbliċi sekondarji/supplementari bl-għan li tiġi stabbilizzata n-nefqa tal-pensjonijiet, tiġi ggarantita n-newtralità baġitarja ta' dawn l-iskemi, u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistema fuq perjodu ta' żmien medju u twil.".

(3) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (a) u (b) għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"(a) riforma tal-iskemi tal-pensjonijiet sekondarji/supplementari mfassla b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ċentral Ewropew u l-Fond Monetarju Internazzjonali, u vvalidata mill-Kumitat tal-Politika Ekonomika fir-rigward tal-impatt stmat tagħha fuq is-sostenibbiltà fuq perjodu ta' żmien twil. Il-parametri tas-sistema nazzjonali sekondarja l-ġdida tal-kontribuzzjonijiet iddefiniti jiżguraw bilanċ attwarjali fuq perjodu ta' żmien twil, kif ivvalutat mill-Awtorità Attwarjali Nazzjonali;

(b) aġġustament fil-marġnijiet ta' profitt tal-ispiżeriji u l-introduzzjoni ta' marġnijiet ta' profitt rigressiv bl-għan li l-marġni ta' profitt kumplessiv jitnaqqas għal taħt il-15 %.";

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(g) il-finalizzazzjoni tal-analiżi funzjonali li tinsab għaddejja bħalissa dwar il-programmi soċjali;

(h) il-ħatra tal-membri tal-l-Awtorità Unika għall-Akkwist Pubbliku(AUAP);

(i) l-identifikazzjoni tal-iskemi li għalihom l-ammonti b'rata fissa mħallsa malli wieħed jirtira ma jirriflettux il-kontribuzzjonijiet imħallsa, u aġġustament tal-ħlasijiet;

(j) tnaqqis fil-marġnijiet ta' profitt tal-bejjiegħa farmaċewtiċi bl-ingrossa biex jikkonverġu lejn il-limitu massimu ta' 5 %;

(k) il-proċeduri meħtieġa ta' sejħiet għall-offerti biex tiġi implimentata sistema tal-informazzjoni tal-kura tas-saħħa komprensiva u uniformi (sistema tas-saħħa-e);

(l) il-ħatra tal-konsulenti kollha legali, tekniċi u finanzjarji għall-privatizzazzjonijiet ippjanati għall-2012 u l-2013.".

(4) Fl-Artikolu 2(9) il-punt (a) jinbidel bi:

"(a) il-finalizzazzjoni tal-analiżi tal-programmi tal-infiq pubbliku. Din l-analiżi għandha tissejjes fuq assistenza teknika esterna u tiffoka fuq il-pensjonijiet u t-trasferimenti soċjali (b'mod li jippreserva l-protezzjoni soċjali bażika), infiq fuq id-difiża mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tad-difiża tal-pajjiż u r-ristrutturar tal-amministrazzjonijiet ċentrali u lokali; razzjonalizzazzjoni ulterjuri tal-infiq farmaċewtiku u operazzjonali tal-isptarijiet, u tal-benefiċċji soċjali fi flus, se jiġu speċifikati wkoll;

(b) l-adozzjoni ta' riforma fit-taxxi li tissimplifika s-sistema tat-taxxi, telimina l-eżenzjonijiet u l-iskemi preferenzjali, li tinkludi t-twessigħ tal-bażijiet, biex b'hekk tippermetti tnaqqis gradwali fir-rati tat-taxxi hekk kif il-prestazzjoni tad-dħul titjieb. Din ir-riforma hija relatata mat-taxxi fuq id-dħul personali, it-taxxi fuq id-dħul korporattivi u l-VAT, it-taxxi fuq il-proprjetajiet, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet soċjali, u se żżomm il-piż relattiv tat-taxxi mit-taxxi indiretti;

(c) ir-reviżjoni tal-valuri legali tal-beni immobbli biex jiġu allinjati aħjar mal-prezzijiet tas-suq;

(d) id-diskontinwazzjoni tal-ħlasijiet fi flus u f'ċekkijiet fl-uffiċċji tat-taxxi li għandhom jinbidlu bit-trasferimenti bankarji, sabiex il-persunal jinħeles biex jiffoka fuq xogħol ta' valur miżjud akbar (awditjar, infurzar tal-ġbir u l-għoti ta' pariri lill-kontribwenti);

(e) tnaqqis ta' medja ta' 12 % fil-"pagi speċjali" tas-settur pubbliku, li għalihom l-istruttura l-ġdida tal-pagi ma tapplikax. Dan se japplika mill-1 ta' Lulju 2012 u se jirriżulta f'iffrankar ta' mill-anqas EUR 205 miljun (netti wara li jitqies l-impatt fuq it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali);

(f) deċiżjonijiet biex isir provvediment għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-AUAP; l-AUAP tibda topera biex tissodisfa l-mandat, l-għanijiet, il-kompetenzi u s-setgħat tagħha kif iddefiniti fil-liġi dwar l-AUAP u l-Pjan ta' Azzjoni maqbul mal-Kummissjoni Ewropea f'Novembru 2010.".

(5) Fl-Artikolu 2, għandhom jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"10. Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin sal-aħħar ta' Settembru 2012:

(a) abbozz ta' baġit għall-2013 skont il-mira ta' surplus primarju stabbilit fl-Artikolu 1(2);

(b) regoli u proċeduri għal kuntratti ta' akkwist/qafas ċentralizzati għal provvisti jew servizzi li jiġu akkwistati ta' spiss fil-livell tal-gvern ċentrali bl-obbligu għall-ministeri u l-korpi tal-gvern ċentrali li r-rifornimenti jsiru skont dawn il-kuntratti u użu fakultattiv għall-entitajiet reġjonali.

11. Il-Greċja għandha tadotta l-miżuri li ġejjin sal-aħħar ta' Diċembru 2012:

(a) l-adozzjoni finali tal-baġit għall-2013 skont il-mira ta' surplus primarju stabbilita fl-Artikolu 1(2);

(b) leġiżlazzjoni li tissimplifika l-proċedura għas-sottomissjoni u l-approvazzjoni tal-baġits supplementari.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

N. WAMMEN

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/212/PESK

## tat-23 ta' April 2012

## li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK (1).

(2) Jeħtieġ li tiġi inkluża deroga għall-iffriżar ta' assi fid-Deċiżjoni 2010/639/PESK sabiex jiġi żgurat li l-fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunu jistgħu jiġu rilaxxati jew isiru disponibbli għall-finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi jew konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet skont il-liġi internazzjonali.

(3) Id-Deċiżjoni 2010/639/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 3(1) tad-Deċizjoni 2010/639/PESK, jiżdied il-punt li ġej:

"(e) biex jitħallsu fi jew jinħargu minn, kont ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi minn immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, sa fejn tali pagamenti jkunu maħsubin biex jintużaw għal skopijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari jew tal-organizzazzjoni internazzjonali."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' April 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

(1) ĠU L 280, 26.10.2010, p. 18.

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta’ April 2012

## dwar deroga temporanja mir-regoli tal-oriġini stipulati fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 biex titqies is-sitwazzjoni speċjali tas-Sważiland fir-rigward tal-ħawħ, lanġas u ananas

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 2511)*

(2012/213/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta’ Diċembru 2007 li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f’ċerti stati li jagħmlu parti mill-Grupp ta’ Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) previsti fi ftehimiet li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehimiet ta’ Sħubija Ekonomika ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 36(4) tal-Anness II tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta’ Ottubru 2011, is-Sważiland talbet, f’konformità mal-Artikolu 36 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007, deroga mir-regoli tal-oriġini stabbiliti f’dak l-Anness għas-sena 2012. Fil-11 ta’ Jannar 2012, is-Sważiland issottomettiet tagħrif addizzjonali għat-talba li għamlet. It-talba tkopri kwantità totali ta’ 800 tunnellata ta’ ħawħ u/jew lanġas f’ġèli tal-frott b’kodiċijiet NM ex 2007 99 97 u taħlitiet ta’ ħawħ u/jew lanġas u/jew ananas f’sugu tal-frott taħt kodiċi NM ex 2008 97 98.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet minn Sważiland, hija mhix kapaċi tissodisfa r-regoli tal-kumulu tal-orġini stabbiliti fl-Artikolu 6 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007. Minħabba li hija ma tipproduċix il-ħawħ u l-lanġas, is-Sważiland tikseb ħawħ imqatta’ mingħajr oriġini f’sugu tal-frott li ma fihx zokkor taħt kodiċijiet NM ex 2008 70 92 u 2008 70 98, u lanġas imqatta’ mingħajr oriġini f’sugu tal-frott li ma fihx zokkor taħt kodiċijiet NM ex 2008 40 90 mill-Afrika t’Isfel. Madankollu, skont l-Artikolu 6 (7) tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1528/2007, il-prodotti finali huma esklużi mill-kumulazzjoni mal-Afrika t’Isfel. Għalhekk għandha tingħata deroga temporanja. Sabiex is-Sważiland titħalla tuża l-kwantitajiet sħaħ mogħtija, deroga temporanja għandha jkollha effett retroattiv mill-1 ta’ Jannar 2012.

(3) Deroga temporanja mir-regoli ta’ oriġini stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 m’għandhiex tikkawża ħsara serja fl-industrija tal-Unjoni stabbilita, sakemm jitħarsu ċerti kundizzjonijiet relatati ma’ kwantitajiet, superviżjoni u tul ta’ żmien.

(4) Għalhekk huwa ġġustifikat li tingħata deroga temporanja skont l-Artikolu 36(1)(b) tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1528/2007.

(5) Għalhekk, għandha tingħata deroga lil Sważiland fir-rigward ta’ 800 tunnellata ta’ ħawħ u/jew lanġas f’ġèli tal-frott b’kodiċijiet NM ex 2007 99 97 u taħlitiet ta’ ħawħ u/jew lanġas u/jew ananas f’sugu tal-frott taħt kodiċi NM ex 2008 97 98 għal sena.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta’ Lulju 1993 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ([2]), jistipula r-regoli marbuta mal-ġestjoni tal-kwoti tariffarji. Sabiex tkun żgurata ġestjoni effiċjenti mwettqa b’kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet tas-Sważiland, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, dawk ir-regoli għandhom japplikaw għall-kwantitajiet importati skont id-deroga mogħtija b’din id-Deċiżjoni.

(7) Sabiex ikun hemm sorveljanza effiċjenti tal-operat tad-deroga, l-awtoritajiet tas-Sważiland għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni b’mod regolari d-dettalji taċ-ċertifikati ta’ moviment tal-EUR.1 maħruġin.

(8) Il-miżuri previsti f’din id-Deċiżjoni jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Permezz ta’ deroga mill-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 u skont l-Artikolu 36(1)(b) ta’ dak l-Anness, ħawħ u/jew lanġas f’ġèli tal-frott b’kodiċijiet NM ex 2007 99 97 u taħlitiet ta’ ħawħ u/jew lanġas u/jew ananas f’sugu tal-frott taħt kodiċi NM ex 2008 97 98 li biex jiġi manifatturat jintuża ħawħ imqatta’ mingħajr oriġini f’sugu tal-frott li ma fihx zokkor taħt kodiċijiet NM ex 2008 70 92 u ex 2008 70 98, u lanġas imqatta’ mingħajr oriġini f’sugu tal-frott li ma fihx zokkor taħt kodiċijiet NM ex 2008 40 90, għandu jitqies li joriġina mis-Sważiland skont it-termini stabbiliti fl-Artikoli 2 sa 5 ta’ din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

*Artikolu 2*

Id-deroga prevista fl-Artikolu 1 għandha tapplika għall-prodotti u l-kwantitajiet stabbiliti fl-Anness li huma dikjarati għal ċirkolazzjoni ħielsa lejn l-Unjoni mis-Sważiland matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012.

*Artikolu 3*

Il-kwantitajiet stipulati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jiġu amministrati skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

*Artikolu 4*

L-awtoritajiet doganali tas-Sważiland għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jitwettqu l-kontrolli kwantitattivi fuq l-esportazzjonijiet tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1.

Iċ-ċertifikati kollha ta' moviment EUR.1 li joħorġu għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jinkludu referenza għal din id-Deċiżjoni.

Qabel it-tmiem tal-aħħar tax-xahar ta' kull perjodu ta' tliet xhur, l-awtoritajiet kompetenti tas-Sważiland għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni dikjarazzjoni kull tliet xhur tal-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu ċertifikati ta' moviment EUR.1 skont din id-Deċiżjoni u n-numri tas-serje ta' dawk iċ-ċertifikati.

*Artikolu 5*

Il-kaxxa Nru 7 taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 li nħarġu skont din id-Deċiżjoni għandha tinkludi dan li ġej:

"Derogation - Implementing Decision 2012/213/EU".

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2012.

*Għall-Kummissjoni*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

| Nru tal-Ordni | Kodiċi tan-NM | Deżinjazzjoni tal-merkanzija | Perjodu | Kwantitajiet |
|---|---|---|---|---|
| 09.1628 | ex 2007 99 97 | Ħawħ u/jew lanġas f'ġeli tal-frott | 1.1.2012 sal-31.12.2012 | 800 tunnellata |
| | ex 2008 97 98 | Taħlita ta' ħawħ u/jew lanġas u/jew ananas f'sugu tal-fritt | | |

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT